MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 11/2010/1

**Avukat Leslie F. Grech, f'ismu proprju u bħala mandatarju tal-assenti Gitali Melvin u Joyoti Grech, Mary Josephine Grech,**

**l-Avukat Dottor David Grech f'ismu personali u bħala mandatarju tal-assenti ħutu Lady Dorothy Higgins u**

**l-Professur Christopher Grech; u,**

**b'dikriet tas-17 ta' Ottubru, 2011,**

**il-ġudizzju għadda mill-persuna tal-Avukat Leslie Grech**

**f'dik ta' wliedu s-sidien Avukat David, Lady Dorothy Higgins u l-Professur Christopher, aħwa Grech, minħabba l-mewt**

**tar-rikorrent Avukat Leslie Grech fil-mori tal-kawża**

**v.**

**Nazzareno Vassallo, John Dimech u Raymond Deguara,**

**bħala President, Segretarju u Teżorier rispettivament ghan-nom**

**u in rapprezentanza ta' Nicolò Isouard Band Club u**

**l-Avukat Generali; u b'digriet tad-9 ta' Ottubru, 2014**

**l-Avukat Dottor Emmanuel Schembri bħala President u**

**Stanley Mangion bħala Teżorier assumew l-atti tal-kawza minflok Nazzareno Vassallo**

**u Raymond Deguara rispettivament;**

1. Dan il-provvediment huwa dwar eċċezzjoni tal-appellant, il-konvenut Avukat Ġenerali, illi t-tweġiba tal-atturi għall-appell u l-appell inċidentali tagħhom magħmul fl-istess tweġiba saru wara li għalaq iż-żmien li tagħti l-liġi u għalhekk għandhom jitneħħew mill-inkartament.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: b'rikors kostituzzjonali ippreżentat fit-12 ta' Frar 2010 l-atturi talbu rimedju għal dak li huma jqisu bħala ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħhom imħarsa taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet

Fondamentali [“il-Konvenzjoni”] u l-art. 6 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni [“l-Ewwel Protokoll”].

3. Il-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha tat is-sentenza tagħha fuq dawn it-talbiet fil-15 ta’ Lulju 2014. Minn din is-sentenza appella l-Avukat Ġenerali b’rikors tad-29 ta’ Lulju 2014 li ġie notifikat lill-atturi fl-4 ta’ Awissu 2014. L-atturi wieġbu fil-25 ta’ Awissu 2014 u fit-tweġiba tagħhom ressqu appell inċidentali. L-Avukat Ġenerali wieġeb għall-appell inċidentali u ressaq din l-eċċezzjoni preliminari:

> “Minnufih l-esponent jitlaq billi jissottometti li kemm ir-risposta tal-appell u kif ukoll l-appell inċidentali li ġew imressqa mill-appellati saru b’mod irritwali għaliex dawn ma ġewx ippreżentati fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mid-data tan-notifika tar-rikors tal-appell, kif mitlub mir-regolament 4(2) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u tal-Bon-Ordni (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09).”

4. Ir-reg. 4(2) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u tal-Bon-Ordni [“L.S. 12.09”] jgħid hekk:

> “**4.** (2) Ir-rikors tal-appell [minn sentenza mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha] għandu jsir fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tad-deċiżjoni appellata, u l-appellat jista’ jippreżenta risposta bil-miktub fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mid-data tan-notifika.”

5. In-notifika lill-atturi saret nhar it-Tnejn 4 ta’ Awwissu 2014, u għalhekk it-tweġiba kellha ssir sa nhar il-Ħamis 14 ta’ Awwissu 2014. Fil-fatt saret fil-25 ta’ Awwissu, sew wara li għalaq iż-żmien li tagħti l-liġi.

6. Waqt is-smigħ l-avukat tal-atturi ressaq żewġ raġunijiet biex ifisser għala jgħid illi, minkejja dak li ngħad fuq, it-tweġiba xorta ma

għandhiex titqies li saret wara li għadda ż-żmien għaliha. L-ewwel raġuni hija msejsa fuq il-kuntrast bejn ir-reg. 4(2) tal-L.S. 12.09, miġjub fuq, u l-art. 144(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jgħid hekk:

> "**144.** (1) Appell jista' jsir minn kull parti kontra l-partijiet l-oħra kollha jew kull wieħed minnhom. L-appellant għandu jindika fir-rikors ta' appell il-partijiet li kontra tagħhom l-appell ikun qed isir. Ir-rikors ta' appell għandu jiġi notifikat lill-partijiet kollha iżda l-partijiet biss li kontra tagħhom isir l-appell għandhom fi żmien għoxrin jum jippreżentaw it-tweġiba li jkun fiha r-raġunijiet għaliex l-appell għandu jiġi miċħud."

7. Ir-reg. 4(2) jgħid illi l-parti li kontriha jsir l-appell "tista'" twieġeb waqt illi l-art. 144(1) jgħid illi dawk li kontrihom isir l-appell [f'kawża ordinarja] "għandhom" iwieġbu. Dan, fil-fehma tal-atturi, jfisser illi huwa biss fakoltattiv illi ssir tweġiba fi żmien tmint ijiem f'appell bħal dak tallum.

8. Huwa minnu li ma hijiex ħaġa feliċi illi l-liġi tuża terminoloġija differenti biex tfisser sitwazzjonijiet analogi. Madankollu, il-qorti ma tarax illi din id-differenza għandha twassal għall-konsegwenza li jridu l-atturi. Li tfisser il-kelma "tista'" fir-reg. 4(2) huwa illi dak li hu fakoltattiv hu jekk il-parti tweġibx jew le, u mhux jekk tweġibx fi żmien tmint ijiem jew f'iżjed. Li ma kienx hekk, it-terminu ta' tmint ijiem tax-xogħol ma jkun ifisser xejn, jekk il-parti li kontriha jkun sar l-appell tista' twieġeb meta trid. Li tista' tfisser id-differenza fit-terminoloġija bejn ir-reg. 4(2) u l-art. 144(1) hu illi jista' jkun hemm konsegwenzi differenti għan-nuqqas ta' notifika, iżda mhux illi f'appell bħal dak tallum it-tweġiba b'appell inċidentali tista' ssir f'kull żmien.

9. It-tieni argument tal-atturi huwa msejjes fuq l-art. 240 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> "240. (1) Kull parti tista' tinqeda b'appell li jsir minn sentenza, magħduda sentenza parzjali u minn kap wieħed jew iżjed ta' kull sentenza, jew minn digriet interlokutorju, u tista' mhux biss tagħmel appell inċidentali dwar is-sentenza definittiva, sentenza parzjali, kap wieħed jew iżjed ta' sentenza, jew digriet interlokutorju li jsir appell minnu, iżda wkoll dwar kull sentenza jew kull kap tagħha jew digrieti interlokutorji mogħtija fl-istess kawża ukoll jekk ma jsirx appell minnhom minn min jappella. Dak l-appell inċidentali jista' jsir ukoll kontra u minn kull parti li ma tkunx waħda li kontra tagħha jkun sar l-appell skont l-artikolu 144(1):
>
> "... ... ...
>
> "(2) Dik il-parti li tkun bi ħsiebha tinqeda b'dak l-appell għandha tagħmel dikjarazzjoni f'dak is-sens fir-risposta fejn issemmi t-talbiet tagħha u r-raġunijiet għall-appell inċidentali tagħha."

10. L-argument tal-atturi huwa illi l-appell inċidentali ma sarx bis-saħħa tar-reg. 4(2) (li ma jgħid xejn dwar appelli inċidentali) iżda taħt l-art. 240, u r-risposta li tissemma' fl-art. 240 ma hijiex dik taħt ir-reg. 4(2) iżda dik taħt l-art. 144(1), u għalhekk it-termini ma humiex dawk taħt ir-reg. 4(2) iżda dawk taħt l-art. 144(1).

11. Il-qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. L-appell inċidentali jsir fit-tweġiba għall-appell, u t-tweġiba li fiha jista' jsir appell inċidentali minn sentenza f'kawża bħal dik tallum hija dik li ssir taħt ir-reg. 4(2), u għalhekk fiż-żmien li jagħti dak ir-regolament.

12. Għal dawn ir-raġunijiet, għalhekk, din il-qorti hija tal-fehma illi t-tweġiba tal-atturi, u l-appell inċidentali li sar f'dik it-tweġiba, saru wara li għalaq iż-żmien li tagħti l-liġi. Billi iżda l-atturi, fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2014, qalu illi, f'każ illi l-qorti ssib illi t-tweġiba tagħhom kienet tardiva,

huma jitolbu li ssir referenza kostituzzjonali għax huma tal-fehma illi din id-deċiżjoni tikser il-jedd tagħhom għal smigħ xieraq taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni, il-qorti f'dan l-istadju ma hijiex sejra tordna illi t-tweġiba titneħħa mill-inkartament qabel ma tisma' x'għandhom xi jgħidu l-atturi dwar il-ħtieġa ta' referenza kostituzzjonali.

13. Tordna għalhekk li jitkompla s-smigħ. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallsuhom l-atturi.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------